Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Ġunju 2021**
**(OR. en)**

**9364/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0228(COD)**

**CODEC 807**
**TRANS 351**
**FIN 407**
**CADREFIN 272**
**POLGEN 88**
**COH 9**
**ENER 253**
**TELECOM 236**
**COMPET 445**
**MI 421**
**ECO 59**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 u r-Regolament (UE) Nru 283/2014 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fis-6 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikoli 172 u 194 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Ottubru 2018[3].

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-17 ta' April 2019[4].

[1] 9951/18 + ADD 1 u 2.
[2] ĠU C 440, 6.12.2018, p. 191–198.
[3] ĠU C 461, 21.12.2018, p. 173-195.
[4] 8577/19.

5. Fl-24 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi.

6. Fil-15 ta' April 2021, il-Kumitati tal-Parlament Ewropew għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) u għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) ikkonfermaw l-qbil proviżorju u sussegwentement il-Presidenti tagħhom bagħtu ittra lill-President tal-Coreper fejn iddikjaraw li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 6115/21 + REV 1 (et), u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 6115/21 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;
- japprova d-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni kif tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.

8. Id-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1. Id-dikjarazzjoni mill-Polonja għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 2.